# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 7.5

## Kap 7: Jiddispjaċini

## Lezzjoni 7.5: Naħdmu biex ma ngħidux 'le' lil Ġesù

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. Jiddiskutu sitwazzjoni fejn huma qalu le lil Ġesù b'azzjonijiethom.
2. Jikklasifikaw azzjonijiet differenti li juru li qalu 'iva' jew 'le' lil Ġesù bihom.
3. Jaħsbu f'modi differenti ta' kif huma għandhom jgħidu 'iva' lil Ġesù.



### Ir-riżorsi għal-lezzjoni:

- L-istorja taż-Żagħugħ għani li qal 'le' lil Ġesù (Powerpoint 1)
- Video- *The Rich and the Kingdom of God*- https://www.youtube.com/watch?v=sjhRyraSlTE
- Diska li tintuża bħala għeluq għal-lezzjoni. – Oh, How I love Jesus https://www.youtube.com/watch?v=Pi_7Ig0fcac
- Karta ta' taħriġ 7.4 (mill-Ktieb)



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Fakkar lit-tfal dwar dak li tkellimna fuqu fil-lezzjoni 7.4. Spjega kif aħna, bl-azzjonijiet tagħna, nistgħu nonqsu lil ta' madwarna kif ukoll lil Ġesú. Meta nagħmlu azzjonijiet negattivi, aħna nkunu qegħdin ngħidu 'le' lil Ġesù.
- Hawnhekk, it-tfal jistgħu jingħataw opportunità biex isemmu ftit mill-azzjonijiet li konna tkellimna fuqhom u li bihom inkunu qed nonqsu lil Ġesù.
- Kompli billi tgħid lit-tfal li meta Ġesù kien għadu fid-dinja, ukoll kien jiltaqa' ma' nies li  kienu jgħidulu 'le'. Dan għaliex ma kinux jemmnu fih u ma kinux iridu jisimgħu dak li jgħid hu.

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Kompli billi tirrakonta ġrajja li tagħti eżempju ċar ta' storja fejn lil Ġesu' jgħidulu 'le'. Hawnhekk agħmel użu mill-powerpoint bħala riżorsa. Hawnhekk it-tfal ser jisimgħu l-istorja tal-ġrajja li ż-żgħażugħ staqsa lil Ġesù dwar x'għandu jagħmel biex jersaq lejn Alla u ma għoġbitux t-tweġiba. It-tfal ser ikollhom ċans jirriflettu ftit fuq din l-istorja u ser jindunaw kif bosta kienu dawk in-nies li lil Ġesù qalulu 'le'. Urihom ukoll il-video ta' din l-ġrajja- The Rich and the Kingdom of God- https://www.youtube.com/watch?v=sjhRyraSlTE
2. Spjega kif Ġesù, għalkemm kien l-Iben ta' Alla, ukoll bata ħafna u mhux kulħadd kien iħobbu. Dan kollu saħansitra wassal biex lil Ġesù qatluh għax ħaduha kontrih.
3. Għin lit-tfal   jirrealizzaw li bl-azzjonijiet tagħna, aħna jew inweġġgħuh lil Ġesù jew nuruh li nħobbuh.
4. Stieden lit-tfal sabiex jaħsbu f'sensiela ta' affarijiet li huma jistgħu jagħmlu sabiex lil Ġesù ma jweġġgħuhx u ma jgħidulux 'le', iżda minflok juruh li jħobbuh.

5. Tista' tagħmel *brainstorming session*, fejn it-tfal jirrealizzaw li hemm modi diversi kif għandhom iġibu ruħhom bl-aħjar mod.
6. Stieden lit-tfal jifħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 7.4, aqra s-silta u ddiskuti mat-tfal liema stampi juru mġiba tajba.
7. Iddiskuti Attività 2 u flimkien imlew il-vojt fis-sentenzi.
8. Iddiskuti Attività 3 u asal għall-punt ta' kemm hu importanti li ngħinu lil kulħadd speċjalment lill-ġenituri tagħna.
9. Agħlaq il-lezzjoni billi tmur fil-parti **Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD** ta' din il-lezzjoni.



## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. F'ħajjitna, aħna nagħmlu bosta azzjonijiet li bihom inkunu qed inweġġgħu lil ta' madwarna filwaqt li ngħidu le lil Ġesu'.
2. Għandu jiddispjaċina li nkunu qed ngħidu 'le' lil ta' madwarna.
3. Lil ta' madwarna jeħtieġ li nuruhom rispett.
4. Irridu naħsbu fuq l-imġiba tagħna biex ma nirrepetux imġiba ħażina




## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

1. It-tfal juru li jafu li bl-azzjonijiet tagħhom huma qed jagħmlu effett fuq ħaddieħor.
2. It-tfal ikabbru fihom valuri li bihom ma jweġġgħux lil ħaddieħor, iżda minflok jagħmlu azzjonijiet li bihom nirrispettaw lil ħaddieħor u ngħidu 'iva' lil Ġesù.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

It-tfal jagħlqu din il-lezzjoni billi jisimgħu diska *Oh How I love Jesus*:

https://www.youtube.com/watch?v=Pi_7Ig0fcac



## Nitolbu



Mulej Ġesù, nitolbok biex tgħinni sabiex f'dak kollu li nagħmel jien ngħidlek 'iva' u nagħmlek kuntent u mhux inweġġgħak u ngħidlek 'le' f'dak li nagħmel. Grazzi Ġesù.

Ammen.